# 63. Il-Mewt tas-Sħaba

L-istorja tal-isħab, ulied il-baħar
u x-xemx irżina, kienet tgħid u ttenni
illi kull sħaba li fuq l-art tmur timraħ
tinxef u tmut,

U s-saħħa tagħha mal-iħjut tax-xita
tinħall u tmur fir-raba' u fil-ġibjuni,
tħaddar l-uċuħ u timla s-siġar kollha
bir-raħs u l-ward.

Kien ilha ż-żmien is-Sħaba tiġri ħielsa
fid-difa tas-smewwiet, kull fejn għaddejja
tisma' minn ħutha l-ġrajja ta' kull sħaba
li tmur fuq l-art;

U b'dana kollu ma beżgħetx u resqet,
bajda bħall-ħrief fuq gżira niexfa u mejta
bil-għatx tas-sajf, u marret biex tiltaqa'
bil-qalb mal-mewt.

Daqqa ta' sejf li leħħ mas-sema kollu
il-mewt tatha ġo qalbha u b'ragħda kbira
id-demm bajdan sbroffa minn ġewwa qalbha
gelgel u xtered...

U waqt li ħasset demmha minn ġol-vini
ħiereġ dilluvju, s-Sħaba l-hena ħasset
ta' qlub l-eroj li jmutu biex il-ħajja
jagħtu 'l-oħrajn.

"Is-sliem għalik, ja Sħaba, tkun imbierka!"
instema' l-leħen ta' bejn l-art u s-sema
waqt illi s-Sħaba waslet biex tispiċċa
u tmut fix-xejn.

B'sebat ilwien tela' minn l-art sas-sema
il-qaws biex jgħinha u jżommilha daharha;
ix-xemx tefgħet fuq ġbinha d-dawl u d-dija
tal-qaddisin,

U fl-art l-għasafar, il-widien u l-papri
flimkien mat-tfal għannew it-tifħir tagħha
qalb id-dija tal-qtar qisu mixgħela
fuq blat u siġar.